# VARIA ATQUE BREVIORA

*Dwar l-użu ta' "minn"* — Meta *minn* tiġi qabel kelma li tibda b'vokali, *minn* tiqsar *f'mn*. Hekk ngħidu u niktbu: *Mn'Alla, mn'issa.* Iżda, imbagħad insemmgħu: *Minn erbgħa* u mhux *mn'erbgħa* bħal: *Minn ħamsa.* Hekk ukoll *Minn ismu, minn ieħor.*

Meta l-kelma tibda b'konsonanti, *minn* tibqa' u ma tiqsarx *f'mn.* Hekk ngħidu: *Minn ħajt għal ieħor, minn dar għal oħra.* Hekk ukoll ngħidu: *Minn hemm u minn hawn. Hemm* tidher għalhekk li tibda b'konsonanti, għalkemm l-ittra *h* ma tinħassx. Il-Għarbi għandu l-kelma *hinna, hinak, hunak* fejn l-*n* Għarbija fil-Malti saret *m*: *hemm, hemmhekk.*

### Ismijiet ta' Għodod

Ismijiet ta' Għodod, mingħajr il-preformativa *m* tal-ismijiet "mimmati". Dawn għandhom it-tieni konsonanti mtennija:— *Xummiema, sunnara, karraba, serrieq, barraxa, dukkara, ħannieqa, żummara, sellum, seffud, dussies, tuqqala, barraxa.*

## ISMIJIET TAL-GĦENEB

Fil-Malti nsibu li l-bdiewa u dawk li jagħsru l-għeneb għall-inbid, ix-xorta tal-għenba jsibuha bil-laqam. Dawn huma magħrufin minn bosta snin ilu, minn qabel li d-dielja tagħna kienet mardet u nqerdu ħafna uċuh ta' dwieli bil-*Philoxera* fl-1919 u l-1920, meta mbagħad it-trobbija tad-dwieli, wara xi snin, reġgħet ħadet ir-ruħ bit-tilqim fuq il-mixtliet taż-żarġuna Amerikana.

Fil-qedem il-koltivazzjoni tad-dwieli kienet l-iktar f'Ħal Qormi, — kif jixhed ismu mill-kelma Għarbija *Kormi*, li tfisser post mimli dwieli — kif ukoll f'Ħaż-Żabbar u fuq it-tliegħi tan-naħa tal-kampanja tal-punent tal-Gżira. Il-għenba Maltija hija ta' bosta kwalità; biċċa minnha bħala frott tal-mejda, u oħrajn għall-għesir tal-inbid. L-ismijiet li bihom huwa mlaqqam l-għeneb huma bosta, iżda l-iżjed magħrufa sa mill-qedem, huma dawn, u jidħru iktarx taħt l-isem ġeneriku ta' dwieli ta' razza ewropea; 36 minnhom, fost xi 120 huma xtieli ta' varjetajiet ta' razza Maltija. L-isem, xi mindaqqiet juri l-post fejn jinsabu l-iktar jew trawmu l-ewwel darba, jew il-bidwi li rawwamhom, jew il-forma tal-għenba jew il-pajjiż minn fejn ix-xitla nġiebet għat-tnissil.

Ismijiet l-iktar magħrufa tal-għeneb fil-Gżejjer ta' Malta:—

*Insolja bajda u ħadra Maltija*
*Muskatell abjad*
*Insolja Franċiża*
*Insolja Sewda Maltija — Buttuni di gallu*
*Miġnuna Sewda*
*Miġnuna Bajda*
*Serqusan Iswed*
*Katallan Abjad*
*Grinjola (Imtaħleb)*
*Ġurbiena (Għall-Inbid)*
*Beżżula Sewda*
*Ananas*
*Nigru gross*
*Żaqq in-Nagħġa*
*Tan-Naħal*
*Passulina Bajda*
*Passulina ta' Ġerusalemm*
*Inċellata Bajda*

(Darb'oħra nagħtu oħrajn b'xi dettalji dwar ix-xorta tagħhom, b'tifsir jekk ix-xorta ta' għeneb hux għall-ikel jew għall-għesir tal-inbid).

a. c.